**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**S.T.O. Prim Imħallef Silvio Camilleri**
**Onor. Imħallef David Scicluna**
**Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon**

**Seduta ta' nhar-il Ġimgħa 20 ta' Ottubru 2017**

**Att ta' Akkuża**
**Nru. 19/2012**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

***Omissis***

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-Att ta' Akkuża miġjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Ġenerali kontra *omissis* li permezz tiegħu l-istess Avukat Ġenerali akkuża lill-istess *omissis* talli (1) f'Ottubru tas-sena 2006 u fix-xhur ta' qabel, f'diversi postijiet Malta, b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bi vjolenża, kkometta stupru aggravat fuq persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor, b'dan li d-delitt ġie kommess minn axxendent naturali u cioe` l-akkużat kontra bintu u li l-

persuna li fuqha sar l-istupru ma kinitx għalqet l-eta` ta' disa' snin; (2) f'Ottubru tas-sena 2006 u fix-xhur ta' qabel, f'diversi postijiet Malta, b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorita` kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil bintu kontra l-volonta` tagħha, jew ta l-post biex fiħ bintu tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata b'dan li d-delitt sar bħala mezz biex persuna tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess ta' dik il-persuna, kif ukoll liema delitt sar fuq bint l-akkużat ai termini tal-artikolu 202(h)(iii); (3) f'Ottubru tas-sena 2006 u fix-xhur ta' qabel, f' Malta, b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, b'egħmil żieni, ikkorrompa persuna ta' taħt l-eta`, tas-sess il-wieħed jew l-ieħor, b'dan illi id-delitt sar bi ħsara ta' persuna li ma għalqitx l-eta` ta' tnax il-sena inkella bi vjolenża u ġie kommess minn axxendent mid-demm u ċioe` mill-akkużat kontra bintu *omissis*; (4) b'egħmil żieni, ikkorrompa persuna ta' taħt l-eta`, tas-sess il-wieħed jew l-ieħor, b'dan illi d-delitt sar bi ħsara ta' persuna li ma għalqitx l-eta` ta' tnax-il sena inkella bi vjolenza u meta l-minuri (*omissis*) kienet imqar għal xi żmien, fdata lill-akkużat sabiex jieħu ħsiebha, jedukaha, jgħallimha, jindukraha jew iżommha;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-31 ta' Mejju 2014 li permezz tagħha dik il-Qorti, wara li rat il-verdett tal-ġurati li bih, b'seba' (7) voti favur u b'żewġ (2) voti kontra sabu lill-imsemmi *omissis* ħati skont l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża, bi tmien (8) voti favur u b'vot (1) kontra sabuh ħati skont it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuża, bi tmien (8) voti favur u b'vot (1) kontra sabuh ħati skont it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuża, u b'seba' (7) voti favur u b'żewġ (2) voti kontra sabuh ħati skont ir-Raba' Kap tal-Att tal-Akkuża mingħajr l-aggravju illi l-minuri ġiet fdatha lilu sabiex jieħu ħsiebha, jedukaha, jgħallimha, jindukraha jew iżommha, iddikjarat lill-istess *omissis* ħati talli:

(1) F'Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006) u fix-xhur ta' qabel, f'diversi postijiet Malta, b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru listess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bi vjolenża, kkometta stupru aggravat fuq persuna ta' *omissis*, b'dan li d-delitt ġie kommess minn axxendent naturali u cioe` l-akkużat kontra bintu u li l-persuna li fuqha sar l-istupru ma kinitx għalqet l-eta` ta' disa' snin;

(2) F'Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006) u fix-xhur ta' qabel, f'diversi postijiet Malta, b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru listess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorita` kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom

il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil bintu *omissis*, kontra l-volonta` tagħha, jew ta l-post biex fiħ bintu tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata b'dan li id-delitt sar bħala mezz biex persuna tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess ta' dik il-persuna, kif ukoll liema delitt sar fuq bint l-akkużat ai termini tal-artikolu 202(h)(iii);

(3) F'Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006) u fix-xhur ta' qabel, f'Malta, b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, b'egħmil żieni, ikkorrompa persuna ta' taħt l-eta`, tas-sess il-wieħed jew l-ieħor, b'dan illi id-delitt sar bi ħsara ta' persuna li ma għalqitx l-eta` ta' tnax il-sena inkella bi vjolenża u ġie kommess minn axxendent mid-demm u ċioe` mill-akkużat kontra bintu *omissis*;

(4) F'Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006) b'egħmil żieni, kkorrompa lil *omissis,* persuna ta' taħt l-eta`, tas-sess il-wieħed jew l-ieħor, b'dan illi d-delitt sar bi ħsara ta' persuna li ma għalqitx l-eta` ta' tnax il-sena;

**3.** Rat illi bl-istess sentenza l-ewwel Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 86, 87(1)(g)(h), 197(4), 198, 201, 202(g)(h)(iii), 203(1)(a)(c)(2)(3)(b), 382A, 412C u 533 tal-Kodiċi Kriminali, wara li qieset l-assorbiment tal-Kapi fejn jirrikorru, ikkundannat lill-ħati *Omissis* għal piena ta' erbatax il-sena priġunerija, kif ukoll li jħallas is-somma ta' elf, ħames mija u tmienja u sebgħin Ewro u għaxar ċenteżmi (€1578.10), rappreżentanti l-ispejjeż tal-perizji inkorsi f'dan il-proċess; ordnat li jekk l-ispejjeż tal-perizji ma jitħallsux fi żmien hmistax-il jum mid-data tas-sentenza appellata, jiġu konvertiti f'terminu ta' priġunerija skond il-liġi; ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat; ordna wkoll id-divjet tal-pubblikazzjoni tal-ismijiet tal-persuni msemmija fis-sentenza appellata, f'kull sura ta' *media*. Inoltre l-istess Qorti wara li rat il-Kap. 518 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex l-imsemmi *omissis* jitniżżel fuq ir-Reġistru ndikat fl-imsemmi Att u għal dan il-għan ordnat li kopja tas-sentenza tiġi komunikata lill-imsemmi Reġistratur; dan wara wkoll li rat il-fedina penali aġġornata tal-ħati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti u ezaminata mid-difiża, semgħet u qieset is-sottomissjonijiet rigward piena tal-abbli difensur Dr. Joseph Brincat, li jinsabu kollha reġistrati u jistgħu jiġu verifikati mat-traskrizzjoni tal-istess, u qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur Dr. Philip Galea Farrugia, li jinsabu kollha reġistrati u jistgħu jiġu verifikati mat-traskrizzjoni tal-istess

**4.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi *omissis* ppreżentat fis-16 ta' Ġunju 2014 fejn talab li din il-Qorti tirrevoka u tħassar il-verdett fuq kull Kap ta' l-Att

ta’ Akkuża u minflok tilliberah minn kull akkuża u piena; rat l-atti l-oħra tal-kawża; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta’ l-appellant huma s-segwenti:

“**A. L-ewwel kap ta’ l-akkuza – stupru**

“a) Interpretazzjonijiet zbaljati u skorretti tal-Ligi li kellhom jew seta’ kellhom effett fuq il-verdett; u
“b) L-esponenti gie misjub hati hazin fuq il-fatti.

“**a) Interpretazzjonijiet zbaljati tal-Ligi waqt l-indirizz**

“1. L-Ewwel Onorabbli Qorti wara li ghamlet l-ewwel hamsin minuta tispjega lill- gurati t-teorija dwar il-guri u specjalment dwar il-piz tal-prova u l-gradi tal prova li trid tintlahaq mill-prosekuzzjoni u specjalment li l-probabbli ma kienx bizzejjed biex wiehed jghid li kaz gie pruvat minghajr dubji ragjonevoli, ghaddiet biex tezamina r-reati wiehed wiehed. Kif giet biex tispjega fuq l-ewwel kap ta’ l-akkuza l-Ewwel Onorabbli Qorti qalet lill-gurati li huma kienu jinsabu mghejjunin mix-xhieda ta l-Esperti Medici mqabbdin mill-Qorti. Fil-fatt hija bdiet taqra u taghmel enfasi fuq il-konkluzjoni ta’ l-Esperti Dr Mariella Mangion u Dr Carmen Portelli.

“2. L-Esperti kienu qalu testwalment dan li probabbli hafna li t-tifla kienet abbuzata, imma prova ta’ penetrazzjoni ma kienx hemm. L-Ewwel Onorabbli Qorti wara li ghamlet enfasi fuq il-kelma li l-hymen ma kienx normali u kien trawmatizzata kienu waslu ghal konkluzjoni li kien probabbli hafna li t-tifla giet abbuzata.

“3. Hawnhekk l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet spjega li dawn l-Esperti ma kinux jafu jitkellmu bil-lingwagg guridiku ghaliex dak li riedu jghidu bil-kelmiet **‘probabbli hafna’** kienet tfisser **‘pruvat minghajr dubju ragonevoli’**.

“4. Minkejja illi l-Qorti kienet qalet illi l-grad tal-probabbli mhux bizzeijed ghal prosekuzzjoni, f’dik l-espressjoni ‘probabbli hafna’ il-probabbli sar certezza morali. **Din hija nterpretazzjoni zbaljata hafna tal-Ligi.** Iggib il-process kriminali ghal process civili fejn grad gholi ta probabilita` jgib il-konvinciment morali fil-Gudikant. Jekk nitkellmu bil-metafori tas-soltu dwar is-sulari, tal-possibbli, tal-probabbli, u tac-certezza morali ecc, issa l-ewwel Onorabbi Qorti f’din l-arkitettura holqot garigor mis-sular tal-probabbli u ghaqqditu mas-sular ta’ fuq! L-anqas grammatikalment ma kienet korretta l-ewwel Qorti. L-aggettiv jibqa’ l-probabbli. ‘Hafna’ jikkwalifika l-aggettiv, imma ma jbiddlux, ghax huwa avverbju. Ahdar skur hafna ma jsirx iswed, ahdar jibqa’.

“5. L-Ewwel Onorabbli Qorti ma kellha l-ebda poter illi l-kliem ‘probabbli hafna’ taghti direzzjoni li jf’ssru “pruvat minghajr dubju ragjonevoli’. Il-gurati qeghdin hemm biex jifhmu l-kliem li jghidu x-xhieda fit-tifsira normali taghhom.

“6. Illi bil-maqiub l-Esperti Medici kienu precizi hafna ghaliex meta kienu qed jitkellmu bil-kelma ‘abbuz’ dan huwa terminu generiku li jinkludi diversi forom ta’ abbuz sesswali. Jinkludi mhux biss l-abbuz illi taghmel persuna ohra imma jinkludi wkoll hsara illi persuna tista’ taghmel lilha nnifisha. Huma jikkonstataw dak li jsibu. **Anzi ddistingwew bejn abbuz u penetrazzjoni**.

“7. Dwar il-parti konkluzjonali ta’ l-istess Esperti li ma hemmx prova ta’ penetrazzjoni dik l-Ewwel Onorabbli Qorti skartatha.

“8. Illi hawnhekk si trattava ta’ penetrazzjoni jew bidu ta’ penetrazzjoni skond l-Artikolu 206 tal-Kodici Kriminali.

“9. Imma l-Ewwel Onorabbli Qorti ekwiparat l-abbuz generiku mal-penetrazzjoni u l-probabbli hafna mal-pruvat minghajr dubju ragjonevoli.

“10. Fil-parti konkluzjonali ta’ l-indirizz ftit qabel ma’ l-gurati gew biex jiddeliberaw il-Qorti regghet uzat il-kelma abbuz u b’interpretazzjoni li l-abbuz kien ifisser stupru. Qalet lill-gurati li kellhom jaghmlu mistoqsija kienet abbuzata t-tifla? X’kien l-abbuz? Min ghamlu?

“11. Kienu mistoqsijiet retorici ghaliex il-Qorti kienet diga` ndirizzathom illi t-tobba qalu li kienet abbuzata fis-sens ta’ stuprata skond l-ewwel kap ta’ l-akkuza ghax huma ma kinux jafu juzaw il-lingwagg preciz tal-Qorti. Issa dawn inzertaw ukoll li kienu zewg nisa, mghallma u specjalizzati, u mqar kienu minghajr taghlim, jafu fuq xhiex qed jitkellmu bhal kull mara ohra.

“**b) Misjub hati hazin fuq il-fatti fl-ewwel kap ta’ l-akkuza**.

“L-esponenti indipendentement mill-izbalji fl-indirizz instab hati hazin fuq il-fatti.

“1. Ma kien hemm l-ebda prova xjentifika li tghid li kien hemm penetrazzjoni jew bidu ta’ penetrazzjoni. Hawnhekk kien illi t-tobba ezaminaw persuna li kellha l-hymen mhux perforat. Ma kinitx kwistjoni ta’ persuna li diga` kellha esperjenzi qabel w allura tali prova ma tiswa’ xejn.

“2. Il-Minuri la meta xehdet fl-ewwel okkazjoni u la meta xehdet quddiem il-guri ma qalet li kien hemm penetrazzjoni. Issa meta xehdet fil-guri kienet matura sewwa f’ dawn l-affarijiet ghaliex gew esebiti ritratti taghha indicenti kif ukoll saret referenza ghal affarijiet li ghamlet hi stess fuq Facebook. Fost dawn kien hemm raffigurazzjoni ta’ pupi qed jaghmlu l-att sesswali. Mistoqsija fuqhom waqt il-guri hi qalet li ghamlithom u kitbet tahthom “ara kemm huma bis-sens”. Allura x’kienet penetrazzjoni taf.

“3. La a tempo vergine ma qalet li kien hemm penetrazzjoni imma kien qed ikun hemm kuntatt mal-parti taghha. L-istess kliem qalitu lil ommha u qalitu wkoll lil kull min saqsieha dak iz-zmien. Hemm differenza bejn ‘ma’’ u ‘fil-’.

“4. Tant hu hekk li l-Avukat Generali prospetta fuq ligijiet barranin li l-penetrazzjoni kienet bizzejjed illi tkun fil-labia ghaliex dik tikkostitwixxi

penetrazzjoni. Il-Ligi taghna hija differenti. Pero` dan qalu fir-replika proprju l-ahhar kliem tieghu wara nofsinhar fis-seduta tal-gimgha u wara kien hemm is-sospensjoni tax-xoghol tal-guri. Dan ifisser li 1-Avukat Generali stess kien qieghed jintebah illi prova ta' penetrazzjoni ma kienx hemm.

"5. Dwar it-trawmatizzar tal-hymen ma kienx stabbilit minn xiex kien prodott. Diversi xhieda affermaw li raw lil din it-tifla timmasturba. F'okkazjonijiet anke b'oggetti. L-omm stess taccetta li kienu gibdulha l-attenzjoni fi zminijiet li ma kien hemm xejn suspetti.

"6. Ghalhekk jekk 1-istess minuri ma tghidx li kien hemm penetrazzjoni allura u 1-ezami xjentifiku ma jasalx ghal tali konkluzjoni ma jistax jinghad li l-gurati kellhom bizzejjed quddiemhom illi jista' jikkonvinci minghajr dubju ragonevoli li kien hemm penetrazzjoni jew bidu ta' penetrazzjoni. Hawnhekk wiehed ma jistax, f'gieh principji ohrajn, jinsa l-principju mportanti wkoll tal-gustizzja li huwa li taghti lil kull wiehed dak li haqqu u mhux aktar minn dak li haqqu.

"**B. Dwar it-Tieni Kap ta' l-Akkuza**

"Ftit li xejn hemm x'jinghad ma' dak li qalet din 1-Onorabbli Qorti fis-Sentenza dwar l-eccezzjonijiet preliminari illi dan ir-reat seta' serva bhala mezz ghal fini.

"Ghandu jinghad illi skond is-sentenza ta' din il-Qorti jista' jiehu tifsira dan il-kap kemm-il darba tinstab htija fuq l-ewwel kap altrimenti jaqa' wahdu. Dan minhabba kif inhu redatt l-att ta' l-akkuza.

"**C. It-Tielet Akkuza**

"1. It-tielet kap ta' l-att ta' l-akkuza l-ilment ta l-esponenti huwa dwar il-kredibilita` tal-minuri, u konsegwentement li nstab hati hazin fuq il-fatti, u hemm lurking doubt fuq il-htija.

"2. Ghalkemm it-tifla tat ripetutivament verzjoni ta' fatti kien hemm elementi li juru mhux biss l-inkonsistenza taghha bhala tifla imma li 1-veracita` taghha kienet dubjuza enormement. Kbira jew zghira il-kriterji tal-kredibilita` jrid japplika dejjem. It-tifla ma kinitx kredibbli ghar-ragunijiet segwenti:

"a) Kif tghid hi stess fix-xhieda li tat waqt il-guri l-allegazzjoniet ghamlithom, irtirathom, regghet ghamlithom, regghet irtirathom u dawn ghal diversi drabi. Anke l-omm tixhed fuq 1-istess fatt. Issa dik li hija kredibilita` certament tkun ibbazata fuq il-konsistenza. Ma jirrizulta li kien hemm hadd li pressa xi mument biex tbiddel il-verzjonijiet.

"b) Meta kienet zghira t-tifla kemm quddiem il-Magistrat fil-video conference u kemm mal-Pulizija qalet li l-kelma sperma bil-Malti tghallmitha minghand huha z-zghir *omissis* . Dan izghar minnha diversi snin. Meta giet tixhed quddiem il-guri hija qalet li kien ghallimhielha missierha. Din il-kwistjoni tal-kelma goffa bil-Malti hargitha spontanjament tant li hasdet lill-Pulizija Josephine Gauci. Imma l-verzjoni li kienet tghid li kienet tisma' lil huha z-zghir jghidha. Meta kibret indunat illi tali verzjoni mhux kredibbli u konsegwentement qalet li kien

missierha. It-tifla zgur li ma kinitx qed tistenna li se jsirilha mistoqsijiet fuq dan anke meta kienet tifla zghira. Pero` hadd ma kien issuggerielha l-isem ta' *omissis* li rripetietu diversi drabi.

"c) It-tifla tghid li dan gara diversi drabi quddiem il-Qorti u waqt il-guri qalet li kien prattikament kuljum. Dan ma kienx possibli ghax hija stess kienet qalet illi dan kien isir meta ommha ma kinitx tkun hemm meta fil-fatt hi stess tghid lill-omm meta kienet tigi lura mill-iskola kienet issibha tahsel l-art.

"d) It-tifla tghid li l-missier kien ikun id-dar. Kif xehdet l-omm stess il-missier kellu hinijiet strambi fixhin jorqod minhabba x-xoghol tieghu li kien ta' furnar ma' *omissis* . Wiehed allura jsaqsi f'liema hin saru dawn l-atti.

"e) Illi jirrizulta ampjament li fid-dar kien hemm l-arka ta' Noe barra *omissis*, il-mara tieghu w erbat itfal, kien hemm ukoll huh, ohtu, it-tifel ta' ohtu w anke ghal xi zmien ommu. Il-post kien verament zghir, kcina wahda ghal kulhadd. Prattikament kien impossibli li f'xi hin it-tifla tinstab wehidha mal-missier kif allegat.

"f) It-tifla mistoqsija meta graw l-ahhar infatti u jekk kinux gimgha qabel sar ir-rapport cahdet dan il-fatt. Lil ommha kienet qaltilha mod iehor. Hija bidlet din il-verzjoni kompletament u lanqas setghet tiftakar meta kien hemm l-ahhar cirkustanza li kienet qed tallega hi. It-tifla f'dan il-punt hija definittivament imgiddba minn ommha stess. Ghalkemm il-Qorti ddubitati palezement minn zewg xhieda *omissis* u *omissis* illi qalu li kellhom xi tokkamenti ma' l-istess tifla kollox jipprova li kellha esperjenzi sesswali. Dan mhux qed jinghad biex titqajjem xi difiza ta' *corrupta non corrumpitur*. Qed jinghad ghaliex il-kwadru tal-fatti juru li t-tifla kienet mghallma l-hazen minn kmieni. Dawn iz-zewg xhieda qalu kif kienet taf. Huma rrispondew ghall-agir taghhom. Kienet stramba li 1-Prosekutur jghid li huwa cert li wiehed minnhom *omissis* kien innocenti ghal kollox. Dan qalu wkoll l-lspettur. Il-mistoqsija tqum ghala mbaghad Spettur imur bil-gurament jikkonferma r-Rapport tieghu.

"g) It-tifla kienet inqabdet minn zijitha *omissis* li kienet thobbha hafna tmiss u tilghab mal-parti taghha. Hija ma kellmitha xejn imma marret tghid lil ommha. Meta giet mistoqsija l-omm qalet illi ma tiftakarx illi kien ghal minuri f'dan il-kaz imma ghal ohtha izghar minnha! Ix-xhud *omissis* gibdet l-attenzjoni ta' l-omm fi zmien li ma kienx suspett. Ma kien hemm l-ebda allegazzjoni kontra *omissis* li huwa huha. Kien zmien qabel meta *omissis* kien ghadu joqghod taht 1-istess saqaf.

"h) It-tifla tghid li l-kamra tas-sodda kienet tinqafel b'firroll. Dan ma kienx minnu imma kif spjegat l-omm kien hemm bieba minnhom firroll il fuq u l-iehor l' isfel imma mbaghad il-kamra tinfetah bil-pum. L-omm ma setghetx tiftakar li kienu ghamlu firroll zghir fuq barra halli meta *omissis* kien jidhol kmieni filghodu mix-xoghol tieghu jkun jista' jorqod matul il-gurnata u t-tfal ma jidhlulux fil-kamra. Pero` fuq dak il-firroll tixhed *omissis* w anke *omissis.* Ghalhekk anke l-gheluq tal-kamra bil-firroll it-tifla mhux biss hija kontradetta minn *omissis* u *omissis* imma sahansitra minn ommha stess li tghid li 1-bieb ma kienx jissakkar.

"i) It-tifla kienet mghallma u mhux bi htija ta' missierha, ghax gie stabbilit li kienet tara l-pornografija minn wara dahar missierha u dan ma' huha l-kbir. Hi stess ma tichdux meta xehdet fil-guri bil-video conference. Meta giet mistoqsija, qalet li f'okkazjoni minnhom missierha nduna u qajjem xenata. Hija qalet "semaghna ghax kellna l-volum gholi". U meta l-volum ma kienx gholi? L-attitudni tal-missier f'dan l-incident kienet importanti. Ma qaghadx jibza' minnha li tirrikattah. Kien iebes maghha u ma' huha u mal-omm talli ma nehhietx id-decoder tas-satellita. It-tifla tghid li huha kien jaf il-password. *Omissis* jghid ukoll li kien qabad lilha u lil huha jaraw il-porn fuq il-laptop. It-tifla kellha informazzjoni bizzejjed biex tohloq storja kredibbli.

"j) Mistoqsija li tqum hija x'kien il-motiv. Id-difiza qatt ma qalet li kienet imbuttata mill-omm halli tghin fis-separazzjoni. Imma johorgu elementi bizzeijed li juru li t-tifla kienet issib lil missierha ta' dixxiplina zejda fuqha, u riedet anqas bastun fuqha. Meta l-omm xehdet fil-guri qalet l-espressjoni 'jahasra kemm nghidilha'.

"**D Ir-Raba' Kap ta' l-Akkuza**

"1. L-ilment ta 1-appellanti huwa maqsum fi tnejn, fuq direzzjoni zbaljata waqt l-indirizz u t-tieni fuq il-fatti.

"2. **Fuq il-Ligi:** L-Ewwel Onorabbli Qorti minkejja li kienet diretta kif ghandha tindirizza lill- gurati fuq korruzzjoni ta' minuri ta' madwar tliet snin interpretat l-istess sentenza ta' din 1-Onorabbli Qorti fl-istess ismijiet tal-15 ta' Jannar [*recte:* Lulju] 2013, b'mod divers minn dak li fil-fatt kellu jkun. Waqt li kien qed jintwera l-video tat-tifla illi holoq dan il-kap ta' l-akkuza nstemghet tghid kelma li tixbah il-kelma sperma bil-Malti. Dak il-hin il-Qorti waqfet u staqsiet lill-gurati jekk dik il-kelma semghuhiex **ghax l-imhallef kien semaghha**! Meta giet biex tindirizza lill-gurati 1-istess Onorabbli Qorti sahqet fuq il-kelma li suppost instemghet u din rabtitha mal-kuncett illi t-tifla trid tkun konxja ta' dak illi qed jigri.

"3. Meta l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet fl-ewwel siegha u kwart qed tidderiegi fuq ir-raba' kap qalet **li mhux mehtieg illi t-tifla tinstema'** meta ghandha hdax-il sena. Din kienet kwistjoni mqajma mid-difiza. Il-Qorti qalet li kien bizzejjed li l-gurati jissoponu jekk dak il-fatt halliex impressjoni fuqha li tiftakru.

"4. Dan huwa **legalment skorrett ghaliex 1-ebda prova ma hi presunta fil-process kriminali**. Ma tistax tissoponi li tifla tiftakar meta l-istess tifla qatt ma giet mistoqsija biex tara tiftakarx imqar il-presenza ta' 1-imputat fid-dar taghhom. Tfal ta' eta` inqas minn hdax-il sena nstemghu mhux darba jew tnejn bil-video conference. Din il-prova ghalhekk il-Qorti assumietha w indirizzat lill-gurati li ghandhom jassumuha. Din hija direzzjoni zbaljata dwar il-ligi, ghax twassal ghall-ispekulazzjoni.

"5. **Dwar il-fatti:** dan l-aggravju huwa intimament marbut mal-aspett legali. L-omm *omissis* xehdet illi hija kellha rasha mghottija u t-tifla ma rathiex. Barra minn hekk 1-atti li saru ma hallewx xejn jidher quddiem it-tifla lanqas fi tmiem

taghha. L-omm tixhed ukoll illi t-tifla dik il-kelma qatt ma qalitha u lanqas qalitha sa l-eta` li ghandha llum.

"6. Ghalhekk l-unika xhieda li hemm hija ta' l-omm dwar jekk kinitx it-tifla konxja ta' dak li kien qieghed isir.

"7. Il-kelma li allegatament qalet it-tifla ma tindikax li kienet konxja ta' dak li kien qed jigri. Il-ligi titkellem fuq atti u mhux fuq kliem. Ghall-grazzja tal-argument, ejja jinghad li t-tifla qalet dik il-kelma. Imma dan ifisser necessarjament li kienet taf xi tfisser? Biex kienet taf xi tfisser, ta' dik l-eta` allura kienet ghaddiet minn ghadd ta' esperjenzi. Li lanqas gie biss allegat. Kieku t-tifla qalet kliem iehor li juri illi kienet qed tinduna l-omm x'kienet qed taghmel lil *Omissis*, allura wiehed ghallinqas kien ikollu bidu ta' prova. Imma hawnhekk l-unika prova li kien hemm kienet cahda kompleta da parti ta' l-omm.

"8. Meta qamet il-kwistjoni li l-omm tressqet il-Qorti w ammettiet fl-ebda mument ma gie ppruvat fil-process ghal xiex ammettiet. X'kienet l-akkuza kontra taghha. Hija qatt ma qalet precizament ghal xiex accettat ir-responsabbilita` penali taghha. Imma dana kuntrarjament ghal dak illi qalet il-Qorti f'interjection ma kienx ifisser ghaliex hija ammettiet allura kien hemm l-elementi tar-reat fil-konfront ta *Omissis*.

"9. Pero` tibqa' l-insistenza li l-provi fil-process penali kuntrarjament ghal dak li qalet il-Qorti kellhom jingiebu fl-Awla b'mod li ma jhallux dubju ragjonevoli biex jistabbilixxu li t-tifla kienet konxja ta' l-atti u li potenzjalment baqghalha l-memorja ta' dawk l-atti. Li tissoponihom hija qabza fl-immaginarju u fl-ispekulazzjoni. U bl-ispekulazzjoni tkun mhux biss qed titbieghed mill-probabbhi imma qed tasal fil-possibbli ghaliex kollox huwa possibbli taht il-kappa tax-xemx, pero` f'dan il-kaz dik il-possibilita` saret prova. Aktar 'il fuq f'dan l-appell inghad li bejn sular u iehor inholoq garigor. Forsi aktar jidher li hemm lift minn gewwa, li tinzel u titla' fis-sulari minghajr diffikulta` ta' xejn, u kollox l-istess, basta taghfas buttuna u titla' u tinzel minghajr ebda sforz, u kollox jghodd."

**6.** L-ewwel aggravju jirrikjedi eżami ta' l-indirizz ta' l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri sabiex jiġi determinat sewwasew x'intqal. Għalhekk din il-Qorti eżaminat l-indirizz u sejra tirriproduċi xi brani minnu. Huwa minnu li meta l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri kien qiegħed jispjega l-gradi tal-prova u ġie biex jispjega l-grad tal-prova li trid tilħaq il-prosekuzzjoni, qal hekk: "Għal dak li jirrigwarda l-prosekuzzjoni, il-probabbli ma huwiex biżżejjed, x'aktarx iva milli le. Tridu tmorru aktar, tridu tavviċinaw il-probabbli ħafna, mingħajr dubju dettat mir-raġuni."[1] Iżda wieħed irid jara l-kuntest kollu peress illi huwa ta spjegazzjoni ta' x'ifisser "mingħajr dubju raġjonevoli"[2]:

"U għidna li dawn il-provi jridu jilħqu l-livell ta' mingħajr dubju dettat mir-raġuni, *without a reasonable doubt*. Għidna wkoll illi din ma tfissirx *without a shadow of doubt*. Ha naraw xi tfisser din il-mingħajr dubju dettat mir-raġuni.

[1] Traskrizzjoni ta' l-indirizz paġni 296 -297.
[2] *Ibidem* paġni 295 – 297.

“Għidna li hemm diversi livelli ta’ provi.... Il-possibbli qisek għandek dar l-ewwel sular, *ground floor*, jekk ma tidħolx mill-bieb tidħol mit-tieqa, imma il-probabbli huwa sular għoli, allura trid tagħmel ċerta sforz biex tasal għal probabbli, trid aktar konvinċiment. Pero’ għal Prosekuzzjoni dan ma huwiex biżżejjed. Għad-Difiża iva.... Ma għandkomx għalfejn taslu għaċ-ċertezza biex tieħdu deċiżjoni. Tridu tkunu biss konvinti moralment wara li intom tkunu mmaturajtu l-ħsieb tagħkom, irraġunajtu dan il-każ, ġibtu l-għerf magħkom, l-esperjenza tal-ħajja u fil-kuxjenza tagħkom tkunu sodisfatti li wasaltu għad-deċiżjoni tajba.... għaliex intom tridu tkunu fil-kuxjenza tagħkom sodisfatti li ħadtu deċiżjoni tajba.

“Naraw id-differenza bejn il-probabbli u l-probabbli ħafna, nagħmluha. Pero’ dan il-kunċett ta’ mingħajr dubju dettat mir-raġuni huwa wieħed legali u ma jintużax fil-*common parlance*, nużaw kliem oħra biex nuru lil dak li jkun illi aħna għandna livell ta’ konvinċiment aktar minn probabbli... Għal dak li jirrigwarda l-Prosekuzzjoni l-probabbli ma huwiex biżżejjed, x’aktarx iva milli le. Tridu tmorru aktar, tridu tavviċinaw il-probabbli ħafna, mingħajr dubju dettat mir-raġuni. Li bl-Ingliż insibuh aħna bhala *without a reasonable doubt*. Id-*doubt, a reasonable doubt, reasonable* jigifieri inti tkun hsibtha, mhux id-dubju ta1-kodard, id-dubju ta’ persuna li ma tridx tiddeciedi li ssib kull skuza biex ma tiddecidix, Mhux dak il-kompitu taghkom. Ma ghandkomx tfittxu d-dubju. Id-dubju jrid jigi wahdu iekk jezisti. Jekk jezisti d-dubju jigi. Meta tkunu qeghdin targumentaw u tirragunaw l-affarijiet jigi wahdu d-dubju, imma biex tfittxuh, biex intom ma tiddecidux, taharbu mid-decizjoni daka le, ma tridux taghmluh. Irid ikun *reasonable, without a reasonable doubt*. Jigifieri intom meta gibtu dik l-esperjenza tal-hajja taghkom hawnhekk, meta intom tuzaw l-gherf taghkorn, il-buon sens taghkom, iva tghidu li jien fil-kuxjenza tieghi naf x’jien naghmel, jiena nahseb li ghandi niddeciedi b’dan il-mod, jiena rragunajtha u niddeciedi kif ghandi niddeciedi.

“Pero’ madankollu jekk intom kif għidtilkom wara li tkunu għamiltu dan l-eżerċizzju xorta jidhrilkom illi għandkom dubju ... allura f’dan il-każ iva għandkom dubju maturat u dan id-dubju għandu jmur favur l-akkużat u toħorġu b’dikjarazzjoni ta’ liberatorja. Irid ikun dubju raġjonevoli .... u allura f’dak il-każ ikolkom id-dubju u dan id-dubju għandu jmur favur l-akkużat.”

## Imbagħad qal[3]:

“Hawnhekk it-tabib qed tuża l-kliem probabbli ħafna. Għall-istess raġuni li jien għidtilkom, illi t-tobba qatt ma jużaw dak il-kriterju ta’ mingħajr dubju dettat mir-raġuni fir-rapporti tagħhom għaliex għalihom dak il-kriterju ma jeżistix. Jeżisti l-probabbli, jeżisti l-possibbli, jeżisti ċertezza u jeżisti l-probabbli ħafna. Hawnhekk qegħdha tikkwalifika l-probabbli bl-unika terminoloġija li hija taf, li huwa probabbli ħafna.”

[3] *Ibidem* paġna 298.

**7.** Fl-esperjenza tagħha din il-Qorti qatt ma ltaqgħet ma' xi espert li qal li l-konklużjonijiet tiegħu kien qiegħed jagħmilhom mingħajr dubju raġjonevoli, jew mingħajr dubju dettat mir-raġuni. L-espert juża l-lingwa u jagħti l-ispjegazzjonijiet li u kif jaf hu. Huwa minnu illi l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri donnu jekwipara l-"probabbli ħafna" mal-"mingħajr dubju raġjonevoli", u seta' juża *turn of phrase* aħjar. Jibqa' l-fatt, pero`, li huwa spjega x'ifisser "mingħajr dubju raġjonevoli". U fil-parti konklużiva ta' l-indirizz spjega ruħu forsi ftit aħjar meta qal[4]:

> "Naturalment din id-deċiżjoni ta' kienx hemm abbuż jew le dejjem tridu toħduha fuq il-livell ta' prova mingħajr dubju dettat mir-raġuni. U araw intom Sinjuri jekk dak illi kkonkludew it-tobba huwa probabbli ħafna li l-abbuż seħħ, araw jekk dak il-probabbli ħafna jwassalx għal dak il-grad ta' mingħajr dubju dettat mir-raġuni kif tafha l-liġi."

**8.** Fl-aħħar mill-aħħar l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri ħalla f'idejn il-ġurati biex jiddeterminaw il-fatti[5]:

> "Mela intom tridu taraw meta tiġu biex tikkunsidraw dan il-każ jekk kienx hemm *a commencement of penetration*. Issa m'inhix qed ngħidilkom miss jew daħal biċċa jew ma daħalx. Din hija mmaterjali kemm daħal, imma l-liġi tgħidlek *no full penetration is necessary, commencement* hija biżżejjed. Issa din hija kwistjoni ta' fatt u tridu tarawha intom, mgħejjuna kif għidtilkom minn hawnhekk. Meta tikkunsidraw dan ir-rapport ma' dak li ġie rakkontat mix-xhud taraw taslux għal konklużjoni li kien hemm *a commencement of penetration*."
>
> "'Minn dak li sibna pero` ma nistgħux ngħidu jekk kienx hemm penetrazzjoni, 'il għaliex ma kienx hemm tiċrit tal-*hymen*.' Sinjuri, biex ikun hemm *rape* ma għandekx għalfejn ikollok penetrazzjoni u titqatta' l-*hymen*. Hija indikazzjoni. Jekk sar hekk mela għandek iċ-ċertezza, pero` ma sarx hekk. U qalulna illi biex ikun hemm a *commencement* ma għandekx għalfejn it-tiċrita tal-*hymen*. 'Minn dak li sibna pero`ma nistgħux ngħidu jekk kienx hemm penetrazzjoni.' Dawn huma tobba ta, mhux avukati. Huma qed jitkellmu bil-lingwaġġ tagħhom. 'Ma nistgħux ngħidu jekk kienx hemm penetrazzjoni, 'il għaliex ma kienx hemm tiċrit tal-*hymen*.' Il-lingwaġġ legali jitkellem mod ieħor, il-lingwaġġ legali jgħidlek illi għall-fini ta' stupru din l-aħħar sentenza ma hijiex neċessarja. Jekk intom tkunu sodisfatti li kien hemm *a commencement of penetration, deep* kemm hi *deep,* sa fejn tasal fejn tasal, imma kien hemm *a commencement of penetration*, f'dak il-każ jeżisti l-istupru.
>
> "... Pero` l-affarijiet l-oħra iva tridu tikkunsidrawhom, jekk kienx hemm *a penetration* fis-sens tal-liġi, dik iva, tridu tikkunsidrawha intom, hija kwistjoni ta' fatt, f'idejkom u f'idejkom biss."

---

4 *Ibidem* paġna 307.
5 *Ibidem* paġni 298 – 299.

**9.** Minn dawn il-brani jidher ukoll illi l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri ma skartax, kif isostni l-appellant, il-konklużjoni ta' l-esperti mediċi li ma kienx hemm prova ta' penetrazzjoni, anzi rrefera għal dak li qalu u spjega li għall-finijiet tar-reat ta' stupru anke l-bidu ta' penetrazzjoni huwa suffiċjenti.

**10.** Kwantu għall-ilment ta' l-appellant li l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri ekwipara l-kelma abbuż ma' l-istupru, fil-parti konklużiva ta' l-indirizz l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri qal hekk[6]:

> "L-ewwel ħaġa li għandkom tagħmlu huwa tikkunsidraw l-ewwel akkuża. Minn fejn ser tibdew? L-ewwel ħaġa li tridu tiddeterminaw hija waħda jekk kienx hemm abbuż, it-tieni x'forma ta' abbuż kien hemm. Jekk ma kienx hemm abbuż tistgħu tieqfu hemm u għal dak li jirrigwarda l-ewwel reat oħorġu bil-liberatorja. Naturalment din id-deċiżjoni ta' kienx hemm abbuż jew le dejjem tridu toħduha fuq il-livell ta' prova mingħajr dubju dettat mir-raġuni. U araw intom Sinjuri jekk dak illi kkonkludew it-tobba huwa probabbli ħafna li l-abbuż seħħ, araw jekk dak il-probabbli ħafna jwassalx għal dak il-grad ta' mingħajr dubju dettat mir-raġuni kif tafha l-liġi. Jekk taslu għall-konklużjoni li sar abbuż, tridu taraw x'tip ta' abbuż sar. Araw jekk kienx hemm il-bidu ta' penetrazzjoni kif qalet Takoda u araw jekk il-verżjoni ta' *omissis* tinkwadrax mal-konklużjonijiet, mar-relazzjoni tat-tobba tekniċi."

**11.** Frankament din il-Qorti ma tara xejn x'tiċċensura f'dan li qal l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri.

**12.** Konsegwentement, salv dak li ntqal aktar 'il fuq, l-ewwel aggravju huwa respint.

**13.** Kwantu għall-mertu tat-tieni aggravju, cioe` li l-appellant instab ħati ħażin fuq il-fatti dwar l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuża, evidentement dan l-aggravju jirrikjedi apprezzament mill-ġdid tal-provi. Għalhekk, dak li din il-Qorti issa trid tara huwa jekk il-ġurati setgħux legalment u raġjonevolment jaslu għall-konklużjoni li effettivament waslu għaliha.[7] In eżekuzzjoni ta' din il-funzjoni tagħha, hi eżaminat dettaljatament l-atti proċesswali, inklużi t-traskrizzjonijiet

---

[6] *Ibidem* paġna 307.

[7] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

kollha tax-xiehda u tat-trattazzjonijiet, it-traskrizzjoni ta' l-indirizz ta' l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri, id-dokumenti esibiti u l-atti kollha tal-kumpilazzjoni. Inoltre ħasbet fit-tul fuq is-sottomissjonijiet tal-partijiet, u l-konklużjonijiet tagħha huma dawn li ġejjin:

(i) Għall-finijiet ta' l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuża huwa rilevanti l-artikolu 206 tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi:

> **"Id-delitti msemmijin f'dan it-Titolu li sabiex isiru jeħtieġ li jkun hemm konġunġiment karnali, għandhom jitqiesu ikkunsmati bil-bidu tal-konġunġiment, mingħajr ma tkun meħtieġa l-prova ta' atti oħra."**

(ii) Sir Anthony Mamo, fit-Tieni Volum tiegħu *Notes on Criminal Law*, jgħid[8]:

> **"... the connection need not be complete or consummated. Here also the rule laid down by Section 221 applies, namely that the crime is deemed to be complete by the 'commencement of the connection without the necessity of proving any further acts'. Also in English law, whenever it may be necessary to prove carnal knowledge for the purpose of any offence punishable under the Offences Against the Persons Act 1861, it is not necessary to prove the actual emission of seed in order to consitute a carnal knowledge, but the carnal knowledge is deemed complete upon proof of penetration only; and the slightest penetration is sufficient; <u>to prove the rupture of or injury to the hymen is unnecessary</u>"** (sottolinear ta' din il-Qorti).

(iii) Din il-Qorti sejra tirreferi wkoll għal dak li ntqal fl-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Il-Pulizija v. *Omissis*** deċiż fl-4 ta' Settembru 2003:

> **"Biex ikun hemm ir-reat ta' stupru mhux mehtieg li jkun hemm penetrazzjoni shiha w l-icken bidu ta' konnessjoni karnali hija sufficjenti biex jissussisti r-reat. Ghalkemm it-tabiba nominata mill-Qorti ma sabitx evidenza ta' penetrazzjoni, sabet sinjali ta' tbaghbis u dan minnu nnifsu jikkorrobora l-versjoni tal-minuri li l-appellant kien jasal sal-istadju li jpoggi l-parti genitali tieghu mal-vestibolu tal-minuri w jezercita certa pressjoni b'mod li jweggaghha. L-Ewwel Qorti, fuq bazi ta' dan, setghet, kieku riedet, anki sabet lill-appellant hati tar-reat ta' stupru vjolent ikkunsmat u mhux ta' tentattiv kif ghamlet, izda dwar dan ma sar ebda appell mill-Avukat Generali."**

(iv) Fil-każ odjern kienu ġew nominati Dr Mariella Mangion u Dr Carmen Portelli sabiex jeżaminaw lill-minuri *omissis*. Fir-relazzjoni tagħhom jikkonkludu:

---

[8] Notes on Criminal Law paġna 194.

"Ix-xifer irregolari tal-*hymen* mhux normali. Jindika illi l-*hymen* kienet ġiet trawmatiżżata u għalhekk huwa probabbli ħafna illi l-abbuż seħħ. Minn dak li sibna pero` ma nistgħux ngħidu jekk kien hemm penetrazzjoni għaliex ma kienx hemm tiċrit fil-*hymen*."

(v) Fix-xiehda tagħhom waqt il-ġuri spjegaw hekk:

"... kien hemm ħafna ħmura madwar il-*hymen*. Il-*hymen* kienet intatta jiġifieri ma kienx hemm xi tiċrita *all the way down*, daħal kompluta. Pero` l-*hymen* il-bordura tagħha kienet irregolari, u kienet irregollari qisha daqsxejn fuq in-naħa ta' wara. Kellha qisha boċċa, jekk ħa tarah qisu arloġġ il-*hymen* mela kellu boċċa hawn *at six o'clock* u kellha daħla 'l ġewwa, *notch* ngħidulha *at nine o'clock*. Jiġifieri hawn u hawn kien hemm xi ħaġa mhux regolari. U ħmura madwar il-*hymen*. Il-bqija n-naħa ta' wara kienet tidher *all right* ukoll.

"Issa bażikament x'inhuma dawn il-konklużjonijiet? Mela dik li sibna li hija l-boċċa ma tistax tgħid żgur jekk narahom żgur żgur seħħ abbuż. Imma l-istorja li qaltilna t-tifla dawn il-*findings they corroborate a lot*. Dik il-ħmura ta' madwar il-*hymen*, in-*notch* jiġifieri d-daħla 'l ġewwa *at nine o'clock* u l-*bump* dawn juru li l-*hymen* kienet trawmatiżżta, ma kinitx lixxa. Jiġifieri bejn dak li qaltilna t-tifla, l-emozzjoni li wriet, dak li sibna, tagħmilhom kollha flimkien juru li probabbli ħafna kien veru dak li kienet qed tgħid, kien seħħ l-abbuż.

"... il-*hymen opening* kienet tidher – aħna bejn wieħed u ieħor nieħdu *measurement* – li kienet qisha *upper limits of normal*, qisha kienet naqra wiesa'....

"... id-*diameter* tal-*hymen* jiddependi fuq il-*position,* u *again* id-*diameter* per se waħdu inti ma tistax tieħu ħaġa waħedha u tagħmel konklużjoni, pero` d-djanjosi ta' abbuż sesswali ma huwiex bażat fuq dak li nsibu fil-*gynae examination*. Id-djanjosi ta' abbuż sesswali fit-tfal huwa bbażat fuq kollox, huwa *jigsaw puzzle* ta' xi tgħidlek it-tifla, dak dejjem jibqa' l-aktar ħaġa mportanti, u kif tgħidulek. U dan mhux qed ngħidu jien, dan jgħidu r- Royal College of physicians, of pediatricians and physicians in the UK.... U dawn l-affarijiet li għidtilkom, li l-*bumps* u n-*notches, all right* ma humiex żgur djanjostiċi ta' abbuż, dan jiġu kollha minn studji li wrew u li analiżżaw dan il-kulleġġ u li jgħidulek li *all right* ma humiex daqshekk djanjostiċi imma meta tara l-proporzjon ikunu aktar fil-fatt abbużati milli le. Jiġifieri jkun hemm tfal normali li forsi ha jkollhom naqra *lump* jew xi *notch* superfiċjali. Pero` *they are much commoner in sexually abused children. And again, findings, gynae findings in sexually abused children are very very small proportion. Less than ten percent.* Minn *hundred percent* tfal li nafu żgur li jkunu abbużati *ninety percent* ta' l-*examinations* ha jkunu normali. U dak huwa minħabba ħafna affarijiet. Il-*hymen* tista' tiħħilja malajr ħafna, *even within twenty four hours,* jista' jkollok *tear* żgħira ħafna u tista' tiħħilja u ma tħallix traċċi. Jiġifieri jiddependi jekk inti rajthiex dak il-ħin, ġimgħa, xahar, xahrejn wara. Jiġifieri dik hija ħaġa mportanti hafna, li *findings* f'*gynae examinations* huma ftit ħafna, dejjem tibqa' *again what the child says and how she says it which makes the most important thing in child sexual abuse*.

“Pros: Mistoqsija waħda in ri-eżami. Nixtieq insaqsiha jekk ikollok *commencement of penetration, just commencement, just little,* jekk ikunx hemm tiċrit fil-*hymen* jew le.
“....
“Xhud: Kien hemm tfajliet li ħarġu *pregnant* u l-*hymen* kienet intatta.
“Dif : Wasaltu għal konklużjoni u issa qegħdin tgħidu
“Xhud: Qatt ma tista’ tgħid hundred percent. Kieku tara t-*tear* komplet huwa ħafna aktar faċli, tgħid il-*hymen* żgur iċċarrtet kollha, dik hija faċli, qiegħda hemm ovvja, imma jista’ ma jkunx ovvju u jkun sar l-att ukoll.”

(vi) Minn dan li xehdu l-esperti mediċi, u senjatament il-konklużjoni tagħhom li “l-*hymen* ġiet trawmatiżżata”, fid-dawl ta’ dak li tipprovdi l-liġi u ta’ l-insenjament tal-Qrati tagħna, m’hemm l-ebda dubju li almenu bidu ta’ penetrazzjoni kien hemm. Dak li din il-Qorti trid tevalwa hu jekk il-ġurati setgħux raġjonevolment u legalment jikkonkludu li l-appellant kien responsabbli.

(vii) Issa, fost ix-xhieda ġie prodott *omissis* li l-appellant jiġi zijuh. Dan qal li kien hemm okkażjonijiet fejn daħħal subgħajh fil-parti privata ta’ *omissis* (kuġinitu) – dwar dan ittieħdu proċeduri kriminali kontra tiegħu – u anke raha ddaħħal iz-zokk ta’ bukkett fjuri fil-parti tagħha, u anke petne.

(viii) Xehed ukoll *omissis*, ħu l-appellant, b’referenza għal xi esperjenzi sesswali li jgħid li kellu ma’ *omissis* – dwar dawn ittieħdu proċeduri kriminali kontra tiegħu wkoll – b’dan illi jgħid li qatt ma daħħal subgħajh fil-parti privata tagħha, iżda darba raha ddahhal iz-zokk tal-bukkett tal-fjuri artifiċjali kif ukoll subgħajha.

(ix) *Omissis*, oħt l-appellant (li tiġi omm *omissis* u oħt) *omissis*, ukoll tgħid li darba rat lil *omissis* tilgħab mal-parti tagħha b’bukkett fjuri maz-zokk, u anke b’biro.

(x) Minn dak li qalu *omissis* u *omissis*, kważi jpinġu lil *omissis* bħala tifla depravata. Mill-banda l-oħra fix-xiehda tagħha *omissis* tgħid li *omissis* qatt ma pprova jagħmel xejn magħha filwaqt illi *omissis* ppova jbagħbasha iżda meta tgħidlu le kien jieqaf. Meta xehdet waqt il-kumpilazzjoni[9], murija bukkett fjuri li kien fir-residenza tagħha (li allegatament użat biex timmasturba), ċaħdet li qatt lagħbet b’dak il-bukkett. Anke jekk, għall-grazzja ta’ l-argument, kull ma qalu *omissis* u *omissis* huwa minnu, huma ma setgħux jitkellmu dwar dak li għamel jew m’għamilx ħaddieħor.

[9] Il-ġurati ntwerew ir-*recording* tal-*video conference* fejn kienet xehdet il-minuri *Omissis* waqt il-kumpilazzjoni.

(xi) Fix-xiehda tagħha *omissis* tgħid li missierha l-appellant kien idaħħalha fil-kamra tas-sodda "u jipprova jdaħħalli d-duda fil-parti tiegħi, imma ma kienx idaħħlu, *just* jipprova għax kien iweġġagħni."[10]

(xii) F'dik ix-xiehda nsibu s-segwenti bran:

"Xhud: Beda jagħmilli d-duda miegħi.
Qorti: Beda jagħmel id-duda
Xhud: M'hemm.
Qorti: Ma' fejn?
Xhud: Hemm.
Qorti: Hawnhekk ix-xhud indikat il-parti ġenitali tagħha. Issa meta ġara hekk int ħassejt xi ħaġa, x'ħassejt?
Xhud: Ħruq."

(xiii) Fil-fehma ta' din il-Qorti, dawn id-deskrizzjonijiet mogħtija minn *omissis* jindikaw aktar minn tokkament fuġġesk u għalhekk jevidenzjaw almenu bidu ta' penetrazzjoni. Meta jitqies li l-minuri konsistentement (għajr wara li kien sar ir-rapport lill-Pulizija meta qisha kellha ripensament iżda wara li ommha ħaditha mill-ġdid għand il-Pulizija baqgħet issostni l-ewwel verżjoni tagħha) qalet li missierha l-appellant kien l-awtur – u dan mhux biss mal-Pulizija, iżda wkoll mal-*clinical psychologist* u *psychotherapist* Nadia Abdilla, mal-esperti mediċi, fix-xiehda tagħha waqt il-kumpilazzjoni u fl-aħħarnett fix-xiehda tagħha waqt il-ġuri – il-ġurati setgħu raġjonevolment u legalment jikkonkludu li l-appellant ikkommetta r-reat kontemplat fl-Ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuża.

**14.** Konsegwentement dan l-aggravju huwa miċħud.

**15.** B'referenza għat-Tieni Kap ta' l-Att ta' Akkuża, l-osservazzjonijiet ta' l-appellant mhumiex proprjament aggravju. Għalhekk ftit hemm xi tgħid minn din il-Qorti ħlief illi r-reat kontemplat fit-Tieni Kap serva bħala mezz għall-fini tar-reati kontemplati fl-Ewwel Kap u fit-Tielet Kap ta' l-Att ta' Akkuża.

**16.** Kwantu għall-aggravju dwar it-Tielet Kap ta' l-Att ta' Akkuża, din il-Qorti tifhem illi jista' jkun hemm ċerti inkonsistenzi jew diskrepanzi. Wieħed ma jistax, pero`, jippretendi preċiżjoni matematika fid-dettal minn minuri ta' tmien snin. Il-Qorti jidhrilha wkoll li huwa normali li tifla ta' eta` daqshekk żgħira ma tiftakarx kollox fid-dettal u tista' għalhekk tvarja xi dettalji. Meta jitqiesu l-provi kollha miġjuba, dak li rrakkontat konsistentement il-minuri *omissis* fir-rigward ta' missierha l-appellant, hawn ukoll din il-Qorti hi tal-fehma li l-ġurati setgħu raġjonevolment u legalment jikkonkludu li l-appellant ikkommetta r-reat kontemplat fit-Tielet Kap ta' l-Att ta' Akkuża. Il-motivi avvanzati mill-

[10] Traskrizzjoni tax-xiehda paġna 188.

appellant mhumiex, fil-fehma ta' din il-Qorti, motivi serji biżżejjed biex ixejnu tali konklużjoni.

**17.** Konsegwentement l-aggravju fir-rigward it-Tielet Kap ta' l-Att ta' Akkuża huwa miċħud.

**18.** Dwar ir-Raba' Kap ta' l-Att ta' Akkuża din il-Qorti rat il-*mobile phone recording* li ħa l-appellant. Fix-xiehda tagħha *omissis* tammetti li fir-*recording* hemm hi tagħmel sess orali fuq l-appellant. Fir-*recording* fil-fatt tidher *omissis* tgħatti n-naħa tax-xellug ta' wiċċha waqt li tagħmel l-att fuq l-appellant. Hi tgħid li f'dak il-ħin bintha minuri kienet fil-kċina. Pero` fl-istess *recording* tidher l-minuri *omissis* proprju ħdejhom. Tinstema tgħid "Ma", xi ħaġa oħra li ma tinftiehemx, imbagħad "Il-liba ma dan, tħobbha."

**19.** Din il-Qorti sejra tirreferi għal dak li qalet din il-Qorti fis-sentenza tagħha tal-15 ta' Lulju 2013 fl-istess ismijiet fl-appell minn sentenza dwar eċċezzjonijiet preliminari ta' l-istess appellant:

> "... kif qal il-Prof. Sir Anthony Mamo (iċċitat ukoll mill-ewwel Qorti) '***for the subsistence of the crime it is not necessary that the defilement shall be immediate. The very young age of the person with whom the lewd acts have been committed does not rule out the crime, if the remembrance of such acts is calculated to cause the defilement.***' Jiġifieri jrid ikun hemm il-kapaċita` li l-minorenni jiftakar l-atti. Il-Majno fil-fatt jikkwota[11] sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ta' Milan tat-30 ta' Lulju 1891 fejn intqal: **'La tenera eta` della persona con cui furono compiuti gli atti di libidine non esclude il reato, se il ricordo di tali atti e` pur sempre idoneo all'effetto della corruzione.'** Naturalment, jekk fil-każ in eżami ġewx kommessi atti di libidine fil-presenza tal-minorenni, jekk il-minorenni kinitx konxja ta' dak li kien qiegħed allegatament isir u jekk allura t-tifkira ta' dawk l-atti huwiex ***'idoneo all'effetto della corruzione'.***

**20.** *Omissis* kellha kważi erba' snin. Dak li għamlu l-appellant u *omissis* fil-presenza ta' *omissis* kien *"idoneo all'effetto di corruzione"*. Huwa minnu li *omissis* tgħid li dan il-fatt qatt ma semmitulha t-tifla, iżda ċertament, fl-eta` li kellha, il-minuri kellha l-kapaċita` li tiftakar dak li seħħ quddiemha. Barra minn hekk, mid-diskors li qalet il-minuri tidher li kienet anke konxja ta' dak li kien qiegħed jiġri. Jiġifieri hawn ma kellniex sitwazzjoni fejn il-ġurati kienu mitlubin jispekulaw. Għalhekk ma kinitx f'lokha l-pretensjoni ta' l-appellant li l-imsemmija minuri kellha tixhed, u dan wara li lanqas ma ndikaha hu stess fil-lista tax-xhieda tiegħu. Konsegwentement anke fir-rigward tar-Raba' Kap ta' l-Att ta' Akkuża setgħu legalment u raġjonevolment jikkonkludu dwar il-ħtija ta' l-appellant.

---

[11] Commento al Codice Penale Italiano, para/. 1476.

**21.** Għaldaqstant anke l-aggravju fir-rigward tar-Raba' Kap hu miċħud.

**22.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellat fl-intier, b'dan li l-perijodu għall-ħlas ta' l-ispejjeż peritali jibda jiddekorri millum.